# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-18 ta' Novembru, 2024

Avviz tat-Talba numru:: 259/2023 CL

**DMS Import and Export (C25809)**

**vs**

**Paula Xuereb (KI 38688M) ezercenti l-kummerc bhala Happy Shop**

Ra t-talba li giet ipprezentat fit-2 ta' Awwissu 2023 fejn is-socjeta attrici fethet proceduri fil-konfront tal-konvenuta f'isimha u in rapprezentanza ta' Happy Shop sabiex thallas l-ammont ta' disa' mija u sitta u sittin euro u sitta u tlettin centezmu (966.36) rapprezentanti prodotti moghtija mis-socjeta attrici lil-konvenuta u dan fuq talba taghha stess inkluz makkinarju. Illi nonostante giet interpellata, il-konvenuta baqghet ma halset xejn minn dan l-ammont. Bl-ispejjez u bl-imghax kommercjali kontra l-kovenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta li giet pprezentata mill-konvenuta fii-22 ta' Awwissu 2023, fejn fl-ewwel lok eccepiet illi Happy Shop m'hijiex entita legali u b'hekk ma tistax tigi mharka bhala rapprezentant ta' Happy Shop. Illi minghajr pregudizzju ghal sueccepit l-unika ammont dovut hu dak ta' €206.36 rapprezentant xiri ta' prodotti u li kienet u ghadha, dejjem disposta taghmel dan il-pagament u kienet is-socjeta attrici li m'accetatx dan l-ammont. Illi dwar l-ammont rapprezentanti l-prezz tal-fridge, kienet is-socjeta attrici stess li kellha tigbor il-fridge. Qatt ma kien hemm ftehiem dwar il-bejgh jew prezz tal-fridge izda f'kaz illi ma tibqax tixtri minghand is-socjeta attrici kellha tigbor il-fridge u l-konvenuta dejjem kienet disposta taghtihom l-access mehtieg, izda minflokk qieghda titlob il-prezz talf-fridge. B'hekk l-ammont mitlub ghal makkinarju mhux dovut. Illi s-socjeta attrici ipprocediet b'din il-kawza u sekwestru bhala vendikazzjoni biex taghmlilha hsara wara li hi ma baghetx tixtri l-prodotti minghandha izda bdiet tixri minghand fornitur iehor.

Fit-13 ta' Novembru 2022 gie ipprezentat l-affidavit ta' Steve Micallef li jopera u jiggestixxi l-kummerc D.M.S. Import u Export Ltd fejn jbieghu diversi prodotti lil hwienet lokali u fosthom il-kovenuta Paula Xuereb ghal

hanut Happy Shopper fil-Qawra kienet tixtri minghadhom izda f'xi zmien kienet iddecediet li tieqaf tordna minghandhom. Kien hemm bilanc ta' €206.36 skond foll.19 relatati ma' prodotti ta' gobnijiet u priezet u prezz ta' fridge li kienu tawha fil-bidu b'self biex tuzha ghal prodotti taghhom. Huwa kienu ipprovaw jaghmlu kuntatt maghha kemm il-darba u kienu ukoll bghatu ittra registrata (Dok A) fejn qalulha illi jekk ma tiritornax il-fridge sa Dicembru 2022 kienu ser jitolbu kumpens flokk il-fridge, izda baqghet ma wegbitx. B'hekk kien ipproceda b'ittra legali u wara b'ittra ufficjali 166A fejn talbuha thallas is-somma a' €966.36 ghal prodotti u l-prezz tal-fridge u l-ispejjez legali. Ghalkemm inghatat diversi opportunitajiet biex tirregola ruhha baqghet ma halset xejn mill-ammont dovut. Fil-kontro ezami huwa ikkonferma illi ma kienx hemm xi kuntratt bejn il-partijiet dwar il-fridge jew dwar il-prezz tal-fridge ghax huma ma jbieghux fridges imma jaghtuhom b'self.Hu ikkonferma li huma kienu jmorru ghal-hlasijiet mill-hanut taghha izda meta l-ahhar li mar rapprezentant minn taghhom il-hanut  bdew jwerzqu mieghu ghax ried jiccekja biex kien mimli l-fridge taghhom u ma hallitux jidhol. Hu ma kienx prezenti imma l-konvenuta kienet kelmitu fuq it-telefon u qaltlu biex ma jersqux 'l hemm ghax ohtha kien ser jkollha tarbija u ma kellimhiex wara dakinhar. Hu kien qalilha biex jibghat lil xi hadd biex jigbor il-fridge kemm bil-whatsapp kif ukoll bl-ittra registrata imma ma wegbitux. Hu ma setghex jmur jigbor il-fridge minghajr il-kunsens taghha. Sallum ma kienet hallas xejn u ma gie ritornat xejn.

Xehdet il-konvenuta Paula Xuereb li ikkonfermat illi kellha hanut Happy Shopper u kienet ggib ix-xoghol tal-ikel minghand is-socjeta attrici. Fil-bidu kienet tordna gobnijiet u prizet minghandu u kien taha fridge u freezer. Ma kinitx kuntenta bih ghax ma kienx jehdilha dak kollox li tordna u kien jkollha argumenti ma' tad-delivery. Hi dejjem halsitu u kien mar u ha l-freezer meta kienet waqfet tixtri frozen minghandu minghajr problemi.Hi wara waqfet tixtri tal-fridge minghadu ukoll u kellha l-flus il-hanut biex thalsu tal-invoice izda hu ippretenda l-hlas tal-fridge ghax hi bdiet tixtri minn kompetitur iehor imma hi kienet qaltlu biex jiehu l-fridge, kienet bghatitlu messagg. Fil-kontro ezami ikkonfermat li kienet irceviet diversi ittri fosthom ittra datata 27 ta' Dicembru 2022, biex thallas l-bilanc u tirritorna l-fridge u kienet bghatitlu messagg li giet ezebita a foll 44,datat 28 ta' Dicembru 2022 li jghid *cempilli habba il-payment* u wara irceviet ittra fit-13 ta' Frar 2023 foll 22 u kienet wiegbet bl-avukat li ikkonfermat kienet a foll 23. Meta kien ghadha qieghda tixtri minghandu u kien jkollha argument ma Steve fuq it-telefon  kienet tghidlu biex jmur jigbor il-fridge u hu kien jghidliha issa nirrangaw.Meta waqfet tixtri minghandu hi kienet lesta li thallas l-invoice pendenti u taghtih il-fridge. Il-fridge kienet ghada fil-hanut u kienet nofsha vojta ghax kienet qieghda tizgombralha l-hanut u allura kienet tuzha.

Ikkunsidra;

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Steve Micallef u Paula Xuereb u ra d-dokumenti. Jirrizulta illi l-konvenuta kienet tixtri l-prodotti tal-fridge minghand s-socjeta attrici li kienet selfitha fridge biex tpoggi l-prodotti taghhom. Wara xi zmien iddecediet li tibda tixtri minn supplier iehor u kien hemm ammont pendenti ta' €206.36. Meta rapprezentant tas-socjeta attrici mar ghal hlas dan tkeccha mill-hanut u s-socjeta attrici talbet l-ammont pendenti u sabiex jigi ritornat il-fridge permezz ta' ittra datat 27 ta' Dicembru 2022. Ghalkemm il-konvenuta wegbitu bil-messagg kull ma qaltlu kien biex jcemplilha. Intbghatet ittra legali u ittra bil-procedura 166A fejn fir-risposta iddikjarat li l-pretensjonijiet u t-talbiet huma kollha infondati. Is-socjeta attrici ipprocediet bil-kawza u fir-risposta l-konvenuta wiegbet illi hi kienet dejjem lesta thallas €206.36 izda a rigward tal-fridge hi ma kinitx lesta thallas ghax qatt ma kien hemm ftehim dwar il-prezz jew bejgh tal-fridge. Illi ghalhekk m'hemmx kontestazzjoni dwar l-invoice tal-€206.36.

A rigward tal-fridge m'hemmx dubju li l-fridge hija propjeta tas-socjeta attrici u giet ipprezentata rcevuta ta' fridge li inxtrat datata 13 ta' Jannar 2023 fl-ammont ta' €620. IL-konvenuta kienet konsapevoli, għaliex ġiet infurmata u mfakkra bil-miktub diversi drabi min-naħa tas-soċjetà attriċi, illi f'kaz illi l-fridge ma kienx ser jigi ritornat il-prezz tal-fridge kien ser jkun dovut. B'hekk gjaladarba m'ghamlet ebda tentattiv biex il-fridge jigi ritornat dan l-ammont hu dovut. Ma gew ipprezentati ebda rcevuti ghad-differenza bejn l-ammont indikat fit-talba ta' €966.36 u €826.36 li jammonta ghal €140. Dwar l-eccezzjoni li Happy Shop m'hijiex entita legali u b'hekk ma tistax tigi mharka bhala rapprezentant ta' Happy Shop, it-Tribunal jinnota illi l-konvenuta giet mharka f'isimha u li tezercita l-kummerc bl-isem Happy Shop, haga li giet ikkonfermata mill-konvenuta stess fix-xhieda taghha u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici u jikkundana u jordna lil-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €826.36 bl-imghax mill-1 ta' Frar 2023 sad-data tal-hlas shih u effettiv. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu ¼ mis-socjeta attrici u ¾ mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**